MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2014

Appell Kriminali Numru. 341/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Saviour Mifsud Bonnici**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Saviour Mifsud Bonnici talli nhar-is 16 ta' Marzu 2009 għall-ħabta ta' 23:45hrs ġewwa l-Park and Ride, sitwata f'Horns Ditch, Floriana:

(1) bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita` kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat jarresta lill-ħati, żamm lil Karl Farrugia detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 349490M, Shawn Vella detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 480389M u lil Dennis Agius detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 353290M kontra l-volonta` tagħhom;

(2) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, filwaqt li kien qed jagħmel delitt kontra l-persuna kellu fuqu arma regolari, jew imitazzjoni ta' arma regolari.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-18 ta' Lulju 2011 li permezz tagħha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Saviour Mifsud Bonnici ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u lliberatu minnha, iżda wara li rat l-artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabitu ħati ta' l-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 9 [*recte:* 446] tal-Liġijiet ta' Malta, illiberatu bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Saviour Mifsud Bonnici ppreżentat fis-27 ta' Lulju 2011 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ġie lliberat mit-tieni imputazzjoni u tirrevokaha fil-bqija u tilliberah minn kull ħtija u piena, jew, alternattivament, tvarjaha in kwantu tikkonċerna l-piena;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-ewwel Qorti għamlet enunċjazzjoni żbaljata ta' l-artikolu 355W tal-Kodici Kriminali, liema

artikolu jittratta każijiet ta’ fejn huwa permess li jsir arrest minn persuni privati; (2) li, sussidjarjament, kwantu għall-piena l-ewwel Qorti kellha tillibera lill-appellant bla kondizzjoni skond l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta’ Malta.

**6.** Issa, l-artikolu 355W tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi:

> **“355W. (1) Kulħadd ukoll jekk ma jkunx uffiċjal pubbliku jista’ jagħmel arrest mingħajr mandat lil xi ħadd li jkun fl-att li jagħmel jew li jkun għadu kemm għamel delitt li jolqot il-paċi u l-unur tal-familji u l-morali, xi delitt ta’ omiċidju volontarju jew offiża kontra l-persuna, jew xi delitt ta’ serq jew dħul volontarju illegali jew ħsara lill-proprjetà.**
>
> **“(2) Min ikun qed jagħmel l-arrest taħt is-subartikolu (1) għandu mingħajr ebda dewmien jgħarraf lill-Pulizija li jkun għamel dak l-arrest u għandu jesercita dik is-setgħa biss sakemm din tkun għal kollox meħtieġa biex il-Pulizija tieħu f ’idejha l-persuna arrestata.”**

**7.** L-appellant jgħid illi dan il-poter ta’ arrest huwa eċċezzjoni għar-regola li l-arrest jista’ jsir biss minn min għandu l-poteri eżekuttivi li jeffettwaw arresti. F’dan il-każ l-ewwel Qorti aċċettat il-verżjoni ta’ kif seħħew il-fatti skond kif rakkontati mill-appellant u skartat il-verżjoni ta’ tnejn mit-tliet suppost vittmi ta’ l-allegat arrest illegali bħala mhux kredibbli. It-tielet pseudo-vittma pprevalixxa ruħu mill-fakolta` li ma jixhidx. Għalhekk, isostni l-appellant, ma jidher li hemm ebda kontestazzjoni dwar id-dinamika ta’ l-inċident. Skond l-appellant, f’dan il-każ huwa ma ġiex illiberat unikament għax l-ewwel Qorti żiedet kundizzjoni li ma tirriżultax mil-liġi. Qalet li l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni li għandha tingħata lill-artikolu 355W għandha tkun wahda restrittiva, u dan sabiex mhux biss tassigura li l-arrest mill-privat isir b’rispett u b’salvagwardja tad-drittijiet fondamentali tal-persuna arrestata imma anke biex jiġi assigurat li dan id-dritt tal-privat jiġi eżercitat eċċezzjonalment. Għalhekk, skond l-ewwel Qorti l-kliem “ikun għadu kemm għamel delitt” fl-artikolu 355W għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-persuna konċernata għandha tiġi arrestata immedjatament wara l-għemil tad-delitt. L-appellant jgħid illi hu ma jaqbel xejn ma’ din il-konklużjoni u jispjega:

"Filwaqt li ma jista' qatt jigi kontestat li l-arrest mill-privat ghandu jsir b'rispett u salvagwardja tad-drittijiet fondamentali tal-persuna arrestata, il-konsegwenza ta' dan m'ghandux ikun li d-dritt jigi arginat meta l-istess ligi ma hijiex qed tillimita dan il-poter. Il-ligi penali ghandha tigi interpretata b'mod restrittiv, imma a favur ta' min ikun akkuzat u mhux a detriment tieghu billi difizi li huma bl-akbar rispett ovvji jigu eliminati b'interpretazzjonijiet li jmorru oltre dak li tghid il-ligi.

"Illi l-fatt li dan il-poter huwa eccezzjoni ghar-regola generali, jekk hekk jista' jissejjah, ma jfissirx li ghandu jigi ezercitat eccezzjonalment. Ghandu jigi ezercitat kull meta jkun hemm bzonn ghaliex il-ligi hekk tghid! U lanqas ma huwa korrett li l-incident *de quo* jigi spezzettat f'zewg partjiet sabiex il-poter moghti mil-ligi jigi newtralizzat. Dan l-incident kien incident wiehed u mhux zewg incidenti separati. Id-dritt ta' arrest minn persuni privati huwa dritt li ghogbu jaghti recentement il-legislatur Malti u dan ghamlu minghajr ir-restrizzjonijiet li qed timponi l-Qorti tal-Magistrati. Naturalment il-kliem uzati fit-test tal-ligi 'jkun ghadu kemm ghamel delitt' ghandhom jigu interpretati skond ic-cirkostanzi tal-kaz partikolari u bil-buon sens tal-gudikant u mhux bil-kronometru jew bl-arlogg!

"Illi l-Qorti tal-Magistrati osservat ukoll li, fi kwalunkwe kaz, hu ma kellu ebda dritt jarresta lil zewg persuni ohra li ma kinux ikkommettew xi reat kif rikjest mill-artikolu 355W. Issa hawn jidher li qed jigi njorat il-fatt li r-reat kontemplat fl-artikolu 86 huwa delitt u mhux kontravvenzjoni u kwindi jirrikjedi element formali partikolari. Luigi Majno, fil-ktieb tieghu *Commento al Codice Penale Itnaliano*, Parte Prima (Terza Ed., para. 790, p. 497) jghid hekk fuq id-delitt analogu fil-Codice Zanardelli:

"*'Ma non sono soltanto l'ordine di un'Autorita` competente e la flagranza di un reato che possano legittimare o scriminare un sequestro di persona.*

"*'Nel commento dell'articolo 49 si e` gia` visto come anche gli attentati alla liberta` individuale, al pari di qualunque reato, ammettano le altre scriminanti di cui nella parte generale del codice: per es., la difesa legittima, per cui si rinchiuda, nei limiti del necessario, un male intenzionato oppure un maniaco.'"*

"Illi ghalhekk, anke jekk jigi argumentat li l-arrest sehh biss meta l-esponent hareg l-arma finta, dak li jrid jittiehed in konsiderazzjoni hu li fil-mument li ghamel hekk l-esponent, li kien wahdu kontra tliet persuni, kien qed jigi aggredit. Fil-fatt dan gie addirittura rikonoxxut mill-istess Qorti meta ghamlet is-segwenti osservazzjoni:

"*'Illi fil-verita` minn ezami tad-deposizzjoni ta' l-imputat jidher car li hu hareg l-arma finta u arresta lit-tliet guvintur mhux minhabba l-habta li kienet sehhet jew minhabba xi haga li ghamel jew m'ghamilx Dennis Agius, imma ghaliex huwa beza' meta sab ruhu wahdu f'sitwazzjoni fejn hass ruhu intimidat'* (sottolinear ta' l-esponent).

"Illi huwa ghalhekk car li anke jekk dan l-incident jigi spezzettat, kif fil-fatt gie spezzettat mill-Qorti, l-element formali tar-reat kontemplat fl-imsemmi artikolu 86 huwa manifestmanet nieqes u ghalhekk l-esponent kellu jigi lliberat ukoll minn din l-imputazzjoni."

**8.** Fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti qalet:

"l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni li ghandha tinghata lill-artikolu 355W, u konsegwentement l-ezenzjoni mis-sanzjoni tal-Ligi ghall-arrest illegali predisposta fl-artikolu 86, bil-fors ghandha tkun wahda restrittiva. Dan mhux biss biex tassigura li l-arrest mill-privat isir b'rispett u salvagwardja tad-drittijiet fundamentali tal-persuna li l-privat ikun ser jarresta, imma anke biex jigi assikurat li dan id-dritt tal-privat jigi ezercitat eccezzjonalment u konsegwentement jigi evitat li kull minn jidhirlu (gustament jew ingustament) li xi hadd iehor ghamel xi haga hazina jusurpa l-poteri tal-pulizija bil-perikolu kollha li dan jista' jgib mieghu.

"Illi tenut kont ta' dan, fil-fehma tal-Qorti, il-kliem "*jkun ghadu kemm ghamel delitt ...*" fl-artikolu 355W ghandhom jigu interpretati fis-sens li l-persuna koncernata ghandha tigi arrestata immedjatament wara l-eghmil tad-delitt.

"Illi, u fil-kaz in ezami, jekk verament kien Dennis Agius li habat mal-vettura ta' l-imputat u mhux bil-kuntrarju, l-imputat kellu dritt jarresta lill Dennis Agius biss u mhux liz-zewg guvintur l-ohra ukoll. In oltre huwa kellu jarresta lil Agius waqt li kien qed jaghmel il-hsara (fic-cirkostanzi tal-kaz in ezami impossibbli ghaliex dak il-hin it-tnejn kienu qed isuqu) jew meta kien ghadu kif ghamel il-hsara. Fil-fehma tal-Qorti kemm it-trapass taz-zmien li ghadda bejn il-mument ta' l-impatt tal-vetturi u l-mument ta' l-arrest tat-tliet guvintur, kif ukoll, u b'mod partikolari, l-avvenimenti li sehhew bejn il-mument ta' l-impatt u l-mument ta' l-arrest huma prova tal-fatt li l-arrest ma sarx meta Agius **kien ghadu kif ghamel** hsara fil-vettura ta' l-imputat.

"Illi in oltre l-Qorti hija tal-fehma li ghandha ssir referenza partikolari ghal dak li qal l-imputat stess fid-depozizzjoni tieghu. Huwa jghid li saq wara Agius, ghal xi hin tilfu, prova jiddeduci fejn baqa sejjer Agius u saq ghal hemm, meta sabu hareg mill-vettura tieghu u beda jitkellem ma' Agius. Agius ma ghamel l-ebda moviment u bl-ebda mod ma provoka r-reazzjoni ta' l-imputat li rrizultat fl-arrest tat-tliet guvintur. Fil-fatt l-imputat kien car fis-sens li kien biss l-agir ta' Shaun Vella u, b'mod partikolari, ta' Karl Farrugia li inducih biex jarresta lill-guvintur in kwistjoni. Tant hu hekk huwa pponta l-pistola (finta) lejn il-guvni li tefa' l-gelat lejh, cioe Karl Farrugia.

"Illi fil-verita minn ezami tad-depozizzjoni ta' l-imputat jidher car li hu hareg l-arma finta u arresta lit-tliet guvintur mhux minhabba l-habta li kienet sehhet jew minhabba xi haga li ghamel jew m'ghamilx Dennis Agius, imma ghaliex huwa beza' meta sab ruhu wahdu f'sitwazzjoni fejn hass ruhu intimidat. L-imputat jghid li Shaun Vella u Karl Farrugia "*gew affrontawni b'mod l-aktar aggressiv ..... dahlu rashom f'wicci u l-lingwagg li bdew juzaw kienet xi haga nkredibbli mhux biss joffenduni b'ommi imma b'Alla u l-qaddisin kollha*". L-imputat ikompli jirrakkonta "*li jien kont cert li ser jaggreduni pero` wiehed minnhom dar u ... xehet xi haga li kienet likwidu abjad ... dak il-hin jien ippanikjat ... ridt nohrog minn din is-sitwazzjoni ... li gieni f'rasi dak il-hin grejt lejn il-karozza tieghi u ftaht il-glove compartment ... u ... hrigt toy pistol ippuntajtha lejn il-persuna li tefghetli l-likwidu u ghidtllihom jidhlu fil-karozza.* ***Li kelli ghaddej f'mohhi kienet li ridt ingib is-sitwazzjoni taht kontroll***".

"Illi ghalhekk huwa car li fil-mument ta' l-arrest taghhom da parti ta' l-imputat it-tliet guvintur ma kienu ghamlu xejn minn dak elenkat fl-artikolu 355W ghaliex f'dak il-mument la kienu qed jaghmlu u lanqas kienu ghadhom kif ghamlu xi delitt li jolqot il-paci u l-unur tal-familji u l-morali, xi delitt ta' omicidju volontarju jew offiza kontra l-persuna, jew xi delitt ta' serq jew dhul volontarju illegali jew hsara lill-proprjetà."

**9.** L-ewwelnett din il-Qorti tosserva illi meta l-liġi tirreferi għal min ikun "għadu kemm għamel delitt", dan ma jfissirx illi l-persuna li tkun wettqet delitt trid tiġi arrestata skond l-artikolu 355W imsemmi proprju fil-post tad-delitt. Fil-fatt tali artikolu jista' jitqies applikabbli anke fejn persuna li tkun għadha kemm għamlet delitt tiġi segwita (*"chased"*) mil-lok tad-delitt sa post ieħor.

**10.** Issa, fil-każ in eżami jirriżulta illi meta l-appellant waqaf biswit il-vettura li huwa jsostni li kienet laqtet dik misjuqa minnu, u niżel ikellem lix-xufier Dennis Agius sabiex jeħodlu l-partikolaritajiet meħtieġa, dan Dennis Agius ma

rreaġixxiex u kienu l-passiġġieri l-oħra li niżlu u aġixxew b'mod intimidatorju fil-konfront tiegħu, tant illi beża' għall-inkolumita` tiegħu. Kien f'dak il-ħin li ġera lejn il-karozza tiegħu u ħareġ it-*toy pistol* u ppuntah lejn Karl Farrugia, wara li dan kien tefa' dak li wara rriżulta li kien ġelat, u qalilhom jidħlu fil-karozza, kif għamlu. L-appellant jgħid illi kif daħlu fil-karozza huwa daħħal it-*toy pistol* fil-but u ċempel lill-Pulizija. Mela dak illi wassal għar-reazzjoni ta' l-appellant ma kinitx il-ħabta li kienet seħħet ftit minuti qabel iżda l-aġir intimidatorju ta' Karl Farrugia u Shaun Vella li ġegħlitu jaħseb illi kienu se jaggreduh.

**11.** L-artikolu 355W(1) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi:

> **"Kulħadd ukoll jekk ma jkunx uffiċjal pubbliku jista' jagħmel arrest mingħajr mandat lil xi ħadd li jkun fl-att li jagħmel jew li jkun għadu kemm għamel delitt li jolqot il-paċi u l-unur tal-familji u l-morali, xi delitt ta' omiċidju volontarju jew offiża kontra l-persuna, jew xi delitt ta' serq jew dħul volontarju illegali jew ħsara lill-proprjetà."**

**12.** Issa, waqt sottomissjonijiet orali ġie ndikat mid-difiża l-artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali li jagħmel reat l-imġieba ta' persuna li tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu. Għalkemm l-appellant kien fiċ-ċirkostanzi ġustifikat li jkollu tali biża', dak kontemplat fl-artikolu 251B mhuwiex wieħed mir-reati kontemplati fl-artikolu 355W. Inoltre, sal-punt illi l-appellant mar għat-*toy pistol*, la Farrugia u lanqas Vella ma kienu fl-att li jagħmlu xi offiża kontra l-persuna ta' l-appellant jew li jagħmlu ħsara lill-proprjeta` tiegħu. Lanqas ma jista' jingħad illi jikkonkorru l-elementi kollha tal-leġittima difesa, u għalhekk wara li din il-Qorti kkunsidrat ukoll illi t-*toy pistol* kienet ilha fil-karozza ta' l-appellant madwar sentejn u kien żammha hemm għax "tant nisma' b'każijiet ta' *road rage* li dejjem ħsibt li nżomm din l-arma finta li setgħet isservini biex niddefendi ruħi f'każ li se nkun attakkat ….", ma jistax jingħad illi l-element formali tar-reat addebitat lilu huwa eskluż. Konsegwentement l-imputazzjoni tirriżulta ppruvata.

**13.** It-tieni aggravju jirrigwarda l-piena. L-appellant jissottolineja li huwa ma uża l-ebda vjolenza u l-aġir tiegħu kien intiż esklussivament sabiex jisssalvagwardja l-persuna u l-proprjeta` tiegħu. Kif ingħad, il-perċezzjoni ta' l-appellant kienet illi kienet se tintuża vjolenza kontra tiegħu – wara li kien diġa ntefa ġelat fuq il-karozza tiegħu (li jgħid li dak il-ħin ħasbu aċidu) – u l-ħsieb uniku f'moħħu kien li "jġib is-sitwazzjoni taħt kontroll". Fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, u wara li qieset il-fedina penali nadifa tiegħu, din il-Qorti hi tal-fehma illi l-proċeduri odjerni servew ta' piena suffiċjenti għall-appellant. Kwindi t-talba ta' l-appellant biex jingħata *absolute discharge* minflok *conditional discharge* hija ġustifikata.

**14.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu lliberatu bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor għal żmien sena u minflok, a tenur ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tilliberah bla kundizzjoni, filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------